# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta’ nhar l-Erbgha l-ewwel (1) ta’ Gunju 2016

Libell Nru 4/11

**James Abela**

vs

**Matthew Vella (ID 279980M) u**
**Raphael Vassallo (ID 265471M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-kwerelati Matthew Vella u Raphael Vassallo permezz ta' tahrika privata minn James Abela fl-24 ta' Marzu 2011, fejn l-istess Matthew Vella, fil-kapacita' tieghu ta' editur, u Raphael Vassallo bhala l-artikolist gew akkuzati:

Talli, permezz ta' rapport miktub minn Raphael Vassallo u ppubblikat minn Mathew Vella bhala editur, fil-gazzetta Malta Today tad-9 ta' Jannar 2011 intitolat 'Grim reality of 'Victorian prison conditions'

1. Bi hsieb li ttellfu jew tnaqqsu l-gieh lill James Abela, wegghajtuh b'kitba mxandra jew esposta lill-pubbliku, a tenur tal-Artikolu 252 (1) u (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Irrepetjtu informazzjoni zbaljata u dana b'mod li jaghti x'jifhem u jattribwixxi malafama lill-kwerelant, a tenur tal-Artikolu 11 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2012, l-kwerelati ddikjaraw illi ma kienux ser jiehdu responsabbilta' tal-malafama kif jipprovdi l-Artikolu 12 (1) tal-Kap 248.

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2012 gie dikjarat illi x-xhieda migbura fil-kawza 2/11 mibdija minn Karmelo Bonnici tapplika wkoll ghall-kawza odjerna mibdija minn James Abela kif ukoll 3/11 mibdija minn Raymond Theuma u 5/11 mibdija minn Abraham Zammit, lkoll kontra l-istess kwerelati Matthew Vella u Raphael Vassallo.

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2012, il-kwerelat Matthew Vella ikkonferma illi fil-gurnata tal-pubblikazzjoni kien l-'Acting Editor' tal-gazzetta Malta Today.

Rat il-kwerela mibghuta lill-kwerelant James Abela fit-2 ta' Frar 2011 (fol 22) tal-process 2/11.

Semghet ix-xhieda ta' l-**Ispettur Nicolai Sant**, moghtija fil 11 ta' Jannar 2012 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita, ossija il-kwereli u kopja tal-artikolu meritu tal-kawza odjerna.

Semghet ix-xhieda ta' l-**Carmelo Bonnici**, moghtija fil 11 ta' Jannar 2012.

Semghet ix-xhieda ta' l-**Abraham Zammit**, moghtija fil 11 ta' Jannar 2012 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Christopher Bonnici** moghtija il 11 ta' Jannar 2012.

Semghet ix-xhieda ta' l-**Ispettur Nicolai Sant**, moghtija fl 20 ta' Gunju 2012 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita, ossija il-Process Verbal Nru 661/08 dwar 'Perry Ingomar Toornstra allegatament imsawwat minn membri tal-SRT fil Facilita' Korrettiva ta' Kordin fid 9 ta' Awissu 2008' a fol 45 sa 214 u s-sentenza moghtija fil-konfront ta' Perry Ingomar Toornstra deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Gunju 2003 a fol 215 fejn gie kkundannat piena karcerarja ta' hmistax-il sena u multa ta' hamsa u ghoxrin Liri Maltin konvertibbli f'prigunerija ta' tnax-il xahar f'kaz ta' nuqqas ta' hlas.

Semghet ix-xhieda ta' l-**Raymond Theuma**, moghtija fl 20 ta' Gunju 2012.

Semghet ix-xhieda ta' l-**James Abela**, moghtija fl 20 ta' Gunju 2012.

Semghet ix-xhieda ta' l-**Ispettur Nicolai Sant**, moghtija fid-29 ta' Ottubru 2012 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita, ossija ir-relazzjoni tat-Tabib Dr Mario Scerri li tikkoncerna l-kaz ta' Perry Ingomar Toornstra a fol 250 sa 306 tal-process.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Mario Scerri** moghtija fil 21 ta' Marzu 2013 fejn ikkonferma bil-gurament ir-relazzjoni ippresentata mill-Prosekuzzjoni.

Rat illi fil-21 ta' Marzu 2013 il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Rat illi bejn is-16 ta' Mejju 2013 u l-25 ta' Marzu 2015 fejn l-kwerelanti ma ressqu ebda provi u dejjem talbu differiment jew ghax kienu ser jittransigu jew ghax ma kellhomx zmien biex iharrku x-xhieda jew inkella ghax, addirittura, ma dehrux il-Qorti.

Rat illi fil-25 ta' Marzu 2015, giet ippresentata sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-2 ta' Dicembru 2013 fil-konfront ta' Francis Debono, Francis Meli, Daniel Cuschieri u George Falzon fejn lkoll instabu hatja bhala komplici talli, fost affarjiet ohra, ghamlu offizi gravi fuq Perry Ingomar Toornstra gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin fid 9 ta' Awissu 2008 (fol 325 sa 348 tal-process).

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Dr Mario Scerri, moghtija fil-25 ta' Marzu 2015.

Semghet ix-xhieda ta' **Emanuel Camilleri**, prodott mill-kwerelati, moghtija fil 25 ta' Marzu 2015.

Semghet ix-xhieda tal-kwerelat **Raphael Vassallo**, moghtija fl-20 ta' Mejju 2015 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita, ossija kopja ta' l-artikolu meritu tal-kawza odjerna.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami tal-kwerelat **Raphael Vassallo**, moghtija fis-17 ta' Gunju 2015 kif ukoll id-dokumentazzjoni esebita mill-kwerelanti lix-xhud.

Semghet ix-xhieda ta' **Dr Carmelo Mifsud Bonnici**, moghtija fit 2 ta' Dicembru 2015.

Semghet ix-xhieda ta' **Matthew Vella**, moghtija fit 13 ta' Jannar 2016.

Semghet ix-xhieda ta' **Saviour Balzan**, moghtija fit 13 ta' Jannar 2016.

Rat illi fid 9 ta' Marzu 2016, il-kwerelanti ippresentaw permezz ta' nota sentenza mogtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali datata 23 ta' Frar 2016 fejn instablu hatja talli kkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq Perry Ingomar Toornstra fid 9 ta' Awissu 2008 li, bhala ufficjal pubbliku, kellhom jissorveljaw biex ma jsirux u kellhom id-dmir illi jimpedixxu. (fol 418-491).

Rat illi fid 9 ta' Marzu 2016 il-kawza giet differita ghas-sottomissjonijet finali.

Rat is-sottomissjonijet tal-kwerelati Matthew Vella u Raphael Vassallo ippresentati fis 6 ta' April 2016.

Rat is-sottomissjonijiet tal-kwerelanti lkoll flimkien, ossija Carmelo Bonnici, Abraham Zammit, James Abela u Raymond Theuma, ippresentati fis 6 ta' April 2016.

Rat illi fis-6 ta' April 2016 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi certa Perry Ingomar Toornstra, fit-12 ta' Gunju 2003 kien intbghat il-habs ghal hmistax-il sena talli importa kwantita' ta' pilloli ta' Ecstasy gewwa Malta.

Jirrizulta illi fid-9 ta' Awissu 2008, waqt illi Toornstra kien qieghed fil-habs gewwa il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, huwa inhareg mill-habs sabiex jara familjari tieghu illi kienu qieghdin go hotel gewwa Bugibba akkumpanjat minn zewgt gwardjani tal-habs. Hekk kif eventwalment marru lura il-Habs, waqt illi l-vettura illi kienet qed iggorr lill Toornstra waqqfet barra il-kancel tal-habs, Toornstra irnexxilu jahrab mill-karozza u gera lejn Rahal Gdid.

Jirrizulta illi, sussegwentement, ftit minuti wara, Toornstra inqabad mill-gwardjani illi marru jigru warajh u ttiehed lura gewwa l-Facilita Korrettiva ta' Kordin fejn eventwalment huwa intbghat gewwa Division 6 ta' l-istess habs skond il-prassi adoperata dak iz-zmien meta persuna ma jobdix ghall-ordnijiet tas-superjuri.

Jirrizulta illi Toornstra beda jilmenta b'ugiegh kbir u beda jallega illi ssawwat mill-gwardjani illi kienu marru jigru warajh, u ghalhekk kienet infethem Inkjesta Magisterjali, liema inkjesta, madanakollu, ma setghet issib ebda konkluzjonijiet peress illi l-Pulizija, nelfrattemp, kieu gia bdew il-proceduri fil-konfront ta' l-erbgha Gwardjani illi huwa allega li sawwtuh, ossija Francis Debono, Francis Meli, Daniel Cuschieri u George Falzon.

Jirrizulta illi sussegwentement, fit-2 ta' Dicembru 2013, dawna l-erbgha Gwardjani instabu hajta talli kkagunaw feriti gravi lill-Toornstra u gew kkundannati piena karcerarja, liema sentenza eventwalment giet appellata mill-istess Gwardjani u, permezz ta' decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit 23 ta' Frar 2016, l-istess gwardjani instabu hatja talli kkagunaw feriti hfief lill-Toornstra u gew ikkundannati piena karcerarja sospiza ghal periodu ta' zmien.

Jirrizulta, madanakollu, illi Perry Ingomar Toornstra, lejn l-ahhar tas-sena 2010, waqt illi dawna l-proceduri kienu ghaddejin, kiteb ittra lill-Ministru tal-Gustizzja u Intern ta' dak iz-zmien, Dr Carmelo Mifsud Bonnici, liema ittra intbghatet lill-media lokali wkoll, fejn huwa kien qieghed jilmenta dwar l-istat tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u l-istat pjetuz illi fih kien jinstab.

Jirrizulta illi dina l-ittra wasslet ukoll ghand l-artikolist Raphael Vassallo illi, fid-9 ta' Jannar 2011, ghadda biex ippubblika l-ittra ta' Toornstra flimkien ma' osservazzjonijiet u fatti migbura mill-istess Vassallo, u dana f'artikolu intitolat '*Grim reality of 'Victorian' prison conditions*'.

Jirrizulta illi l-kwerelat hassu malafamat b'dak illi kien hemm miktub fl-artikolu, partikolarment dak illi kiteb Toornstra stess u ppubblikat mill-artikolist, u ghalhekk nieda l-proceduri odjerni.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-parti illi giet indikata mill-kwerelant James Abela li fiha huwa hassu malafamat kienet il-parti tal-artikolu segwenti:

> *"Toornstra adds: "It is interesting to mention that two senior officers, Major James Abela, SCO Charles Bonnici and officer SRT Raymond Theuma, witnessed how I was abused and tortured, and were probably even involved, tried to cover their colleagues, by lying under oath at the Law Courts, are still working in prison, where till present day are ill-treating me." (sic)*
>
> *This newspaper can separately confirm that the above-mentioned Charles Bonnici is also the personal driver of prison director Abraham Zammit: himself a former member of the North Korean-trained Special Mobile Unit, who keeps his riot police unifor on permanent display in his office ... an initiative that inmates particularly resent, as they interpret it as an act of deliberate provocation."*

Jirrizulta, mix-xhieda tal-kwerelant James Abela, illi huwa jhossu malafamat peress illi gie allegat illi huwa kien xehed falz, fatt illi huwa nnega.

Jirrizulta illi dakinhar illi gara l-incident, fid-9 ta' Awissu 2008, huwa kien stazzjonat gewwa Division 6, u ghalhekk kien stazzjonat gewwa d-Divizjoni illi fih intbghat Toornstra wara li nqabad mill-gwardjani.

Jirrizulta, skond ix-xhieda ta' James Abela, illi, hekk kif Toornstra harab, huwa qabad il-karozza u mar jigri flimkien ma' gwardjani ohra, sabiex jaqbdu lill Toornstra u, hekk kif zewgt gwardjani kienu qed jissaraw mieghu wra li qabduh, huwa mar jghinhom u assikura li gie manettjat u li ddahhal fil-karozza ghalkemm kien qieghed jirresisti milli jidhol fil-karozza.

Jirrizulta, skond ix-xhieda ta' James Abela, illi Toornstra, hekk kif wasal gewwa Division 6, illi hija meqjusa bhala divizjoni punitiva u restrittiva, kien qieghed bil-qieghda mal-art b'idejh immannettjati fuq wara u ghalhekk huwa qabbdu u tellghu bil-wieqfa u, wara li nehhewlu l-manetti, nizlu, flimkien ma' gwardjani ohrajn, gewwa ic-cella tieghu fejn huwa imbghad intefa u inzamm.

Jirrizulta, mix-xhieda ta' l-artikolist Raphael Vassallo, illi Vassallo kien ilu jikteb artikoli bhala gurnalist tal-gazzetta Malta Today dwar l-istat illi fih kien jinsab ic-Centru Korrettiv ta' Kordin, maghruf komunement bhala il-Habs.

Jirrizulta illi l-istess Vassallo, wara illi rcieva l-ittra minghand Toornstra, pproceda biex jipprova jigbor l-informazzjoni kollha minn sorsi tieghu, inkluz minn ghaqiet bhal Mid-Dlam ghad-Dawl u Sedqa, li kienu anke huma investigaw l-allegazzjonijiet li kien ghamel Toornstra.

Jirrizulta wkoll illi Vassallo kien ikkomunika mal-Ministeru tal-Gustizzja b'serje ta' domandi dwar dak illi kien qieghed jigi allegat minn Toornstra, liema Ministeru kien ghadda biex jgharrfu illi dak hemm allegat kien qed jigi investigat, u xejn aktar.

Jirrizulta illi Vassallo, fl-artikolu, ha hsieb illi jelenka kemm id-domandi illi huwa kien ghamel lill-Ministeru tal-Gustizzja flimkien mar-risposta qasira ta' l-istess Ministeru kif ukoll indika kummenti illi kienet ghamel ukoll l-ghaqda Mid-Dlam ghad-Dawl, liema kummenti kienu jikkorroboraw dak illi kien qieghed jikteb dwaru Vassallo.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-assjem ta' l-artikolu illi dwaru qed jilmeta l-kwerelant, illi l-kontenut tieghu kien indirizzat partikolarment lejn l-istat pjetuz illi fih kien jinsab il-habs dak iz-zmien, liema fatti kienu kkonfermati mill-ittra illi wiehed mill-habsin, Toornstra, kien semma fl-ittra tieghu.

Jirrizulta wkoll illi l-artikolu jaghmel referenza ghall-incident serju ta' swat illi spicca sofra wiehed mill-habsin, ossija Toornstra, u jikkwota, *ad litteram*, kummenti illi ghamel l-istess Toornstra fil-konfront tat-tmexxija tal-habs u tal-persuni fiha involuti.

Jirrizulta, fil-kaz tal-kwerelant James Abela, illi Toornstra jallega li l-istess Abela kien presenti ghax dak li gralu u ma ghamel xejn.

Jirrizulta, mix-xhieda ta' James Abela, illi attwalment kien presenti meta dana twaqqaf mill-gwardjani gewwa Rahal Gdid, u huwa kien ippartecipa biex jigi mmannettjat kif ukoll illi jiddahhal Toornstra kontra r-rieda tiegu gewwa l-vettura illi biha huwa kien wasal hemm.

Jirrizulta wkoll, mix-xhieda ta' James Abela, illi huwa kien stazzjonat gewwa id-Division 6, fejn kien intbghat Toornstra wara illi gie arrestat, u Abela kien il-persuna li tellghu minn ma l-art, fejn kien tqieghed Toornstra wara li ddahhal f'Division 6, u kien skortah gewwa ic-cella tieghu.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, kif gia indikat aktar 'l fuq, illi Abela jilmenta li huwa hassu malafamat ghax intqal li xehed falz.

Il-Qorti, l-ewwel u qabel kollox, tosserva illi dina l-Qorti ma ghandhiex quddiemha ix-xhieda illi l-kwerelant Abela ta' quddiem l-Imhallef Lawrence Quintano, u ghalhekk ma hija fl-ebda posizzjoni sabiex tivverifika attwalment x'qal l-istess Abela quddiem l-Imhallef Quintano bir-rizultat illi ma hija f'ebda posizzjoni illi tikkonferma jekk huwiex minnu li Abela ma xehedx il-falz jew le.

Il-Qorti tosserva, madanakollu, illi fix-xhieda li l-istess Abela kien ta' quddiem dina l-Qorti, huwa ammetta illi ghen biex jigi arrestat u mmannettjat Toornstra wara illi harab u refa lill-istess Toornstra minn ma' l-art, meta kien ingieb Division 6,k sabiex hadu gewwa c-cella fejn Toornstra intefa u gie izolat.

Il-Qorti, ghalhekk, tosserva illi Toornstra, li kien il-persuna li allega illi Abela xehed il-falz, u mhux l-intimati fil-kaz odjern, kellu kull raguni jissuspetta f' Abela, in vista tal-agir tieghu dakinhar, u ghalhekk l-allegazzjoni tieghu, ghalkemm mhux necessarjament korroborata bil-provi, certament hija dettata mill-azzjonijiet ta' Abela lejn l-istess Toornstra w il-mod kif Toornstra gie trattat mill-gwardjani, liema trattament gie eventwalment punit mill-Qorti tal-Appell Kriminali kif fuq stabbilit.

**Ikkunsidrat**

Qabel ma tghaddi ghad-decizjoni finali taghha, il-Qorti thoss illi ghandha taghmel dawna l-konstatazzjonijiet legali.

Jirrizulta, l-ewwel u qabel kollox, illi l-proceduri kriminali odjerni saru kemm abbazi tal-Artikolu 252 (1) u (3) tal-Kap 9l, kif ukoll abbazi tal-Artikolu 11 tal-Kap 248.

Jirrizulta illi, abbazi tax-xhieda kollha migjuba quddiemha, l-kliem illi dwarhom l-kwerelant hassu aggravat, kienu kliem illi saru bi-kitba, u ghalhekk, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anton F. Attard**, deciza fl-10 ta’ Lulju 2006 mill-Qorti tal-Appell Kriminali ippresjeduta mill-Prim Imhallef Vincent DeGaetano, fejn intqal:

> *“Issa, din il-Qorti, minghajr ezitazzjoni, taqbel ma’ l- appellant li ingurja jew malafama permezz ta’ stampat, bhalma huwa ktieb li jigi ppublikat, ma taqax u ma tistax tigi punita taht l-Artikolu 252(1) (jew addirittura taht l- Artikolu 252(3)) tal-Kodici Kriminali. L-Artikolu 256 huwa car fil-portata tieghu u dejjem gie interpretat mill- Qrati ta’ Gustizzja Kriminali li, meta l-ingurja ssir bil- mezz ta’ l-istampa (b’mod li l-ingurja jew il-malafama tkun allura tammonta ghal dak li komunement jissejjah libell), hi applikabbli il-Ligi dwar l-Istampa u huma applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Kap. 248”.*

Ghalhekk, l-ewwel akkuza migjuba kontra l-akkuzati, la darba bbazati fuq l-Artikolu 252 (1) u (3) tal-Kap 9, ma humiex ser jigu aktar ikkunsidrati minn dina l-Qorti.

Jirrizulta illi l-kwerelanti huwa Maggur fi hdan ic-Centru Korrettiv ta' Kordin, u ghalhekk huwa Ufficjal Pubbliku.

Kif intqal fil-kawza **Novaya Gazeta v Voronezhe vs Russia** deciza mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fl-20 ta' Gunju 2011,

> *The Court notes that civil servants acting in an official capacity are, similarly to politicians albeit not to the same extent, subject to wider limits of acceptable criticism than a private individual (see, mutatis mutandis, Janowski v. Poland [GC], no. 25716/94, § 33, ECHR 1999-I).*

Jirrizulta illi l-kummenti illi saru minn Toornstra kif ukoll minn Vassallo u li dwarhom qieghed jilmeta l-kwerelant, huma kummenti li jirrigwardaw direttament ix-xoghol tal-kwerelant fil-habs u ghalhekk ma ghandhom ebda relazzjoni mal-hajja privata ta' l-istess rikorrent u, ghalhekk, l-azzjonijiet tieghu huwa soggett ghall-kritika kif fuq spjegat, in vista tal-fatt illi huwa ufficjal pubbliku.

Jirrizulta illi l-kummenti li kienu qed isiru, partikolarment dawk minn Vassallo, jirrigwarda l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, ossija facilita' pubblika ta' importanza nazzjonali u li ghandha posizzjoni importanti hafna fis-sigurta' u bon ordni tal-pajjiz kollu, stante illi f'tali facilita, persuni illi insytabu hatja ta' offiza kriminali, jintbghatu hemm bil-ghan illi jigu "korretti" u riabilitati bil-ghan illi ma jergghux jirrepetu l-offizi illi huma gew ikkundannati ghalihom.

Jirrizulta, ghalhekk, illi ma hemm ebda dubju illi s-suggett illi dwaru kien qieghed jikteb Vassallo kien ta' interess pubbliku, u ghalhekk, Vassallo kellu mhux biss l-obbligu, izda d-dmir illi jirrapporta dwar dak illi kien jaf lill-qarrejja, sabiex ikunu a korrent ta' l-istat illi fih kien jinsab ic-Centru Korettiv ta' Kordin fiz-zmien li nkiteb l-artikolu.

Kif intqal mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza **Axel Springer AG vs Germany** deciza fis-7 ta' Frar 2012,

> *The Court has also repeatedly emphasised the essential role played by the press in a democratic society. Although the press must not overstepcertain bounds, regarding in particular protection of the reputation and rights of others, its duty is nevertheless to impart – in a manner consistent with its obligations and responsibilities – information and ideas on all matters of public interest. Not only does the press have the task of imparting such information and ideas; the public also has a right to receive them. Were it otherwise, the press would be unable to play its vital role of "public watchdog" (see Bladet Tromsø and Stensaas v. Norway [GC], no. 21980/93, §§ 59 and 62, ECHR 1999-III, and Pedersen and Baadsgaard, cited above, § 71).*

Kif tkompli tghid l-istess Qorti,

> *Not only do the media have the task of imparting such information and ideas; the public also has a right to receive them (see News Verlags GmbH & Co. KG v. Austria, no. 31457/96, § 56, ECHR 2000-I; Dupuis and Others v. France, no. 1914/02 § 35, ECHR 2007-VII; and Campos Dâmaso v. Portugal, no. 17107/05, § 31, 24 April 2008).*
>
> ....
>
> *Journalistic freedom also covers possible recourse to a degree of exaggeration, or even provocation (see Pedersen and Baadsgaard, cited above, § 71).*

Il-Qorti tosserva illi fil-kaz in ezami, wara illi Vassallo ghamel l-istharrig tieghu abbazi ta' ittra illi huwa rcieva minghand persuna illi kien fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, ossija Perry Ingomar Toornstra, huwa gab kummenti minghand varji entitajiet, fosthom anke il-Ministeru tal-Gustizzja, u ghadda biex rrediga artikolu illi, fl-interjieta tieghu, jaghti stampa tas-sitwazzjoni kif kienet lilu rrappurtata dak iz-zmien.

Kif stqarret il-Qorti tal-Appell fil-kawza **Dr. Louis Galea vs Dr. Joe Mifsud** deciza fit-3 ta' Frar, 2012:

> *"gurnalizmu investigattiv ghandu jinghata ampja protezzjoni f'socjeta' demokratika, anke jekk certi allegazzjonijiet jigu michuda minn dak milqut, il-gurnalist dejjem jibqalghu d-dritt li jinvestiga u jistharreg fuq allegazzjoni anke jekk tibqa' allegazzjoni mhux pruvata kif trid il-Ligi. F'dak li jsir gurnalizmu investigattiv serju, anke meta jirrizulta zball genwin, jista' wkoll ikun tollerat."*

Issa, fil-kaz in ezami, jirrizulta ben ippruvat illi l-kwerelant kien presenti fil-habs meta sehh l-incident li kien involva lill Toornstra u li eventwalment erbgha gwardjan instabu hatja talli sawtu lill-istess Toornstra.

Ghalhekk jidher illi, bhala fatti, fl-assjem tal-artikolu kollu, dawna huma sostanzjalment korretti.

Jekk il-kwerelant xehedx falz jew le, dana ma gie xippruvat, la fin-negattiv u lanqas fil-posittiv, u dana peress illi l-kwerelant ma ippresenta ebda provi dwar dak illi allegatament huwa xehed u li dwaru Toornstra allega li kien xehed falz u, la darba il-kwerelant ghazel illi gbib il-kaz odjern fil-forum kriminali, ghalhekk ghandhom japplikaw ir-regoli kriminali ghal dak illi jirrigwarda livell ta' prova, u kienet tispetta lill-kwerelant u l-prosekuzjoni turi x'kien attwalment xehed huwa stess - tali prova ma ngibietx izda, mill-banda l-ohra, ingiebet prova li turi illi Abela kien ivolut fl-arresst u manettjar ta' Toornstra meta nqabad barra mill-habs u kien il-persuna illi gabru minn ma' lpart, fejn kien qieghed gewwa l-waiting room ta' Division 6, u kien hadu gewwa c-cella hu flimkien ma' ohrajn.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi semghet il-provi kollha prodotti u t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

Tillibera lill-kwerelati Matthew Vella u Raphael Vassallo, mill-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur